MT

LEGALAID MALTA®

# Informazzjoni dwar is-servizzi tal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali Malta fil-Gżejjer Maltin

188/189, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta

☎ 2247 1500 ✉ info.legalaidmalta@gov.mt

**Ħinijiet tal-uffiċju għall-pubbliku:**

**mit-Tnejn sal-Ġimgħa**

**16 Ġunju – 30 Settembru: 08:30 – 12:30hrs**

**01 Ottubru – 15 Ġunju: 08:30 – 14:00hrs**

Websajt: www.legalaidmalta.gov.mt

*Kliem tat-tfittxija fuq l-internet: Legal Aid Malta*

Laqgħat mal-uffiċjali tal-Aġenzija u mal-Avukat tal-Għajnuna Legali jsiru bl-appuntament biss.

*L-informazzjoni kontenuta f'dan il-fuljett hija korretta sa Marzu 2024. V1.6*

# Kif tapplika għall-għajnuna legali?

## Kawżi Ċivili

Sabiex isir appuntament mal-Avukat tal-Għajnuna Legali, persuna għandha l-ewwel tipproduċi dawn id-dokumenti (jew dawk id-dokumenti li japplikaw għal persuna skont il-każ) hawn taħt imsemmija biex isir it-test tal-mezzi w jiġi stabilit jekk il-persuna hija eliġibli għall-għajnuna legali:

- ☐ Dokument mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali li juri l-ammont ta' flus li l-persuna irċeviet tul l-aħħar tnax-il xahar.
- ☐ FS3 tax-xogħol / Payslips tal-paga tal-aħħar tnax-il xahar.
- ☐ Rendikont (*statement*) tal-aħħar tnax-il xahar ta' kull kont bankarju li l-persuna għandha f'isimha.
- ☐ Karta tal-identita' jew passport.
- ☐ Dokument ta' evidenza ta' kuntratt legali ta' kera u rċevuti dwar ħlasijiet jekk tgħix ġo post bil-kera.
- ☐ Digriet tal-Qorti dwar ordni ta' ħlas ta' manteniment lill-parti l-oħra u lit-tfal u rċevuti ta' ħlas dwarhom;
- ☐ Dokumenti li l-persuna rċeviet mill-Qorti għal każ li tixtieq li tiġi assistita bl-għajnuna legali.
- ☐ Dokumenti oħra relatati, per eżempju:
- għal separazzjoni personali: ċertifikat taż-żwieġ u ċertifikati tat-twelid tal-ulied;
- għall-annullament taż-żwieġ jew divorzju: kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni;
- għal bdil fid-detallji fiċ-ċertifikati tar-Reġistru Pubbliku: ċertifikat tat-twelid/tal-mewt/taż-zwieġ tal-persuna;
- kwistjonijiet dwar wirt: kopja tat-testment, etċ.

Jekk fil-laqgħa mal-uffiċjali tal-Aġenzija jiġi stabilit l-eliġibilita tal-klijent għas-servizz, il-persuna tingħata appuntament mal-Avukat tal-Għajnuna Legali sabiex tiddiskuti l-problema u/jew il-kas li għandha. L-Avukat tal-Għajnuna Legali jinfurmaha jekk għandhiex raġunijiet tajba biex tibda proċedimenti jew biex tagħmel id-difiża tagħha skont kif ikun il-kas.

## Kawżi Kriminali

Persuna li jkollha kawża quddiem il-Qorti Kriminali tista' dakinhar tas-smiegħ tal-kawża titlob lill-Qorti sabiex tkun assistita minn Avukat tal-Għajnuna Legali. Il-Qorti tieħu notament fil-verbal tal-atti u tirreferi it-talba lill-Avukat tal-Għajnuna Legali li għandu fi żmien jumejn minn meta jirċievi l-komunika jippreprezenta nota fejn jinforma jekk il-ħatra għandhiex tiġi milqugħa jew le, u jekk fl-affermattiv, isem l-Avukat tal-Għajnuna Legali li għandu jassisti lill-persuna.

Ukoll, jekk persuna tirċievi notifika uffiċjali mingħand il-Pulizija li ħa titressaq quddiem il-Qorti, tista' ġġib in-notifika fl-uffiċini tagħna sabiex naġixxu skont kif meħtieġ. M'hemmx bżonn isir it-test tal-mezzi.

## Kawżi Kriminali fi Proċeduri Sommarji

Persuna li jkollha kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tista’ dakinhar tas-smiegħ tal-kawża titlob lill-Maġistrat li jkun qed jisma’ l-kawża sabiex ikun assistit minn Avukat tal-Għajnuna Legali. Il-Maġistrat jaħtar dak l-Avukat tal-għajnuna legali li jkun imissu skont it-*turn*.

Ukoll, jekk persuna tirċievi notifika uffiċjali mingħand il-Pulizija li ħa titressaq quddiem il-Qorti, tista’ ġġib in-notifika fl-uffiċini tagħna sabiex naġixxu skont kif meħtieġ. M’hemmx bżonn isir it-test tal-mezzi.

## Appelli Kriminali

Persuna li trid tappella permezz ta’ avukat għall-għajnuna legali minn sentenza deċiża fil-Qorti tal-Maġistrati, għandha b’mod immedjat dakinhar stess jinforma l-Avukat tal-Għajnuna Legali li jkun qed jassistih sabiex jivvaluta jekk hemmx raġunijiet biżżejjed għall-appell. Jekk ikun hemm raġunijiet biżżejjed, l-appell jkun jeħtieġ li jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Kriminali fi żmien tnax-il ġurnata tax-xogħol mid-data tas-sentenza. M’hemmx bżonn isir it-test tal-mezzi.

## Persuna taħt interogazzjoni u /jew arrest

Persuna li ġiet imsejħa għall-interogazzjoni mill-Pulizija jew ġiet arrestata għandha dritt li tkellem avukat tal-għajnuna legali li jkun fuq it-*turn* tal-ġurnata. Din il-persuna għandha titlob lill-Pulizija li qed jinterrogawha/jarrestawha għall-assistenza tal-avukat tal-għajnuna legali. L-istess avukat tal-għajnuna legali li jagħti l-parir waqt l-interogazzjoni u/jew l-arrest għandu jibqa’ jassisti lill-persuna fil-kawża quddiem il-Qorti. M’hemmx bżonn isir it-test tal-mezzi.

## Vittma tal-Kriminalità u Vjolenza Domestica

Persuna li hija vittma tal-kriminalità u/jew vittma abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika kif stipulat fil-liġi tista’ titlob li tiġi assistita minn avukat tal-għajnuna legali. Persuna għandha mill-ewwel dejjem tirreferi għand il-Pulizija. Vittma tal-kriminalità tista’ tkun inizjalment assenjata avukat tal-għajnuna legali għall-parir. Imbgħad, jekk il-persuna trid li tkun assistita bħala parti offiża fil-proċeduri tal-Qorti, il-persuna tkun riferuta għand l-Aġenzija li tidirreġiha skont kif meħtieġ. M’hemmx bżonn isir it-test tal-mezzi.

*Għall-użu tal-Uffiċju tal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali*

**Persuna eliġibbli għas-servizz tal-għajnuna legali biss isirilha appuntament mal-Avukat tal-Għajnuna Legali.**

**Isem u kunjom il-benefiċarju/a :**

______________________________________________________________

**Karta tal-identità numru:** ________________________________________

**Data tal-appuntament:** __________________________________________

**Ħin:** ________________________________________________________

__________________________________

**Firma tal-Uffiċjal tal-Aġenzija**

Direzzjoni mill-bieb prinċipali tal-Qorti tal-Ġustizzja fi Triq ir-Repubblika lejn l-uffiċini tal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali fi 188/189, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta.

